**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 123/2017 CFF**

**Perit Karl Ebejer**

**Vs**

**Wayne Balzan**

**Illum 13 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attur fejn talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' disat elef, mija u sitta u sebghin Euro (€9,176.00) rapprezentanti prezz ta' servizzi professjonali provduti mir-rikorrent fuq talba u inkarigu tieghu stess, u mhux imhallsa hekk kif jirrizulta mis-statement anness u mmarkat bhala Dok A;

Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra legali datata 9 ta' Frar, 2017 hu baqa' inadempjenti u ghaldaqstant kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-9 ta' Frar, 2017 (Dok. B) u bl-imghaxijiet mid-data ta' kull fattura sal-gurnata tal-pagament effettiv kontrih, li minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut gie notifikat fit-18 ta' Mejju, 2017 pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2018.

Rat li fl-istess seduta, l-attur iddikjara bil-gurament li l-kreditu ghadu kollu dovut lilu u ghalhekk ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tat-13 ta' Marzu, 2018, il-konvenut imsejjah tlett darbiet rega naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' disat elef, mija u sitta u sebghin Euro (€9,176.00) bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 9 ta' Frar 2017 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**